**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 29 ta' Ottubru, 2015**

**Rikors Nru: 626/2014 AF**

**NRR Holdings Limited (C-47260) u**
**NRR Entertainment Limited (C-47261)**

**vs**

**Albiavo Company Limited (C-61097) u**
**Daria Zaitseva (ID 47010A)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Daria Zaitseva proprio et nomine li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih imfissra, talbet lil din il-Qorti joghgobha tordna r-revoka tal-mandat numru 1002/14 u dan a tenur tal-Artikoli 836(1)(d) u 836(1)(f), kif ukoll sabiex din l-Onorabbli Qorti tillikwida penali fir-rigward tar-rikorrenti a tenur tal-Artikoli 836(8)(b) u (d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat it-twegiba tas-socjetajiet NRR Holdings u NRR Entertainment Limited li permezz taghha, ghar-ragunijiet fiha

moghtija, dawn issottomettew illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati u ghandhom jigu michuda.

Rat id-dokumenti.

Semghet lid-difensuri jittrattaw ir-rikors.

Rat li r-rikors thalla ghad-digriet in camera.

Ikkunsidrat illi doveruz ghall-Qorti qabel xejn illi jigu enfasizzati s-segwenti principji regolatorji fl-ambitu tal-mandat kawtelatorju, u cioé, li l-ezami li ghandha taghmel il-Qorti f'dan l-istadju huwa essenzjalment limitat ghal dak li jidher mad-daqqa t'ghajn, bi skrutinju profond u dettaljat tal-fatti jibqa' strettament rizervat ghall-Qorti meta din tkun qeghda tisma u taqta' l-kawza fil-mertu. Jigi konfermat inoltre illi l-Qorti, f'dan l-istadju ta' kawtelar, ma tistax leggerment tiskarta d-dritt ta' kreditur li jikkawtela b'kull mod li taghtih il-ligi l-pretensjonijiet tieghu.

Dan premess fil-proceduri odjerni jirrizulta illi NRR Holdings Limited u NRR Entertainment Limited intavolaw proceduri quddiem din il-Qorti li permezz taghhom qed jirreklamaw minghand Daria Zaitseva u Albiavo Company Limited ammont ta' €300,000 li jghidu gew approprjati illegalment u abbuzivament.

Ir-rikorrenti odjerni jsejjsu t-talba taghhom, l-ewwelnett fuq l-Art. 836(1)(d) li jipprovdi ghal revoka ta' mandat kawtelatorju:

> *"(1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:*
>
> *(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv.*

Kif ukoll fuq id-dispozittiv tal-Art. 836(1)(f) li jipprovdi ghall-istess revoka:

> *(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."*

L-argumenti tar-rikorrenti fir-rigward ta dawn iz-zewg cirkostanzi invokati huma effettivament l-istess u l-Qorti sejra ghalhekk tqishom flimkien.

Fis-sentenza Mangion Galea vs Stewart (Prim'Awla 29 ta' Lulju 2005) gie ritenut illi:

> *"L-artikolu 836(1)(d) jiddisponi li Mandat kawtelatorju jista' jigi revokat jekk l-ammont mitlub m'huwiex prima facie gustifikat jew hu eccessiv.  Il-kejl li ghandu jittiehed biex jitqies it-thassir ta' Mandat kawtelatorju taht din ir-ras huwa wiehed li jorbot il-kawzali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih.  Dan ifisser li l-Qorti ghandha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t'ghajn li r-rikorrent ezekutant ghandu bazi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma ohra ta' dritt jissejjah il-"fumus juris" tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu mahluf fil-Mandat.  Wiehed m'ghandu qatt jinsa f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m'ghandux jigi mfixkel jew imgarrab b'leggerezza, u l-iehor daqstant siwi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha fil-milja taghhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn Qorti."*

Daria Zaitseva u Albiavo Limited isostnu illi huma m'ghandhom ebda konnessjoni mas-socjetajiet NRR Holdings Limited u NRR Entertainment Limited li maghhom jinsab f'tilwima missier l-istess Zaitseva.  Is-socjetajiet NRR qeghdin jixlu lil Daria Zaitseva u Albiavo Limited b'habi tal-flus li missier Stanislav Zaitsev approprja lilu nnifsu abbuzivament.

Fil-fehma ta' din il-Qorti din il-konnessjoni ma tezistix mad-daqqa t'ghajn. Missier ir-rikorrenti jinsab mixli li ha €300,000. Dawn ma jidhrux fil-kotba tar-rikorrenti. Ghalkemm il-hanut ta' Zaitseva seta rrikjeda ammonti kbar biex jigi armat u attrezzat, din il-Qorti m'ghandhiex, dejjem f'dan l-istadju prima facie, hjiel li gie ffinanzjat minn flus gejjin minn NRR. Tali konnessjoni jekk tezisti ghada ma gietx pruvata, lanqas prima facie. Ghall-Qorti il-presenza ta' missierha fil-hanut ma tistax tfisser wisq.

Din il-Qorti f'dan l-istadju m'hija bl-ebda mod taghti gudizzju fuq il-fatti li tassew sehhew. Dan l-iskrutinju sejjer bilfors isir fil-kawza dwar il-mertu.

Ir-rikorrenti qeghdin jitolbu wkoll l-imposizzjoni ta' penali a tenur tal-Art. 836(8)(d), li testwalment jipprovdi ghal tali imposizzjoni f'erba cirkostanzi u cioé:

> *"(8) Il-qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inħareġ att kawtelatorju fuq talba tiegħu sabiex iħallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (6,988.12) li jmorru għand il-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, f'kull każ minn dawn li ġejjin:*
>
> *(d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja."*

Tali cirkostanzi huma meqjusa strettament bhala tassattivi (ara Farrugia vs C & F Building Contractors, Prim'Awla 14 ta' Awwissu 2014). Madankollu, l-imposizzjoni tibqa' dejjem fakultattiva u tibqa' rizervata ghall-kazi estremi fejn is-sens ta' gustizzja jimponiha. Il-Qorti tirreferi f'dan il-kuntest ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza Rapa vs Sammut (13 ta' Marzu 2001). Fil-kaz in ezami dawn ic-cirkostanzi estremi ma jezistux.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' Daria Zaitseva u Albiavo Company Limited u thassar il-mandat ta' sekwestru Nru. 1002/14.

Kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

IMHALLEF